**Nru. 1212**

## AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

### Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 06677/07
Post: Fenech Ready Mix Plant, Triq Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, Malta.
Proposta: Bidla fl-użu minn *ready mix concrete batching plant* għal faċilità ta' appoġġ għall-*fish farm* inkluż kostruzzjoni ta' *plant rooms*, imħażen, *workshop*, uffiċċji u blokk għar-riċerka.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fl-14 ta' Awissu 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-29 ta' Ottubru 2012.

**No. 1212**

## MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

### Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts. The Director of Environment Protection agrees that the proposed does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same regulations the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 06677/07
Location: Fenech Ready Mix Plant, Triq Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, Malta.
Proposal: Change of use of a ready mix concrete batching plant into a fish farm support facility, including construction of plant rooms, stores, workshop, offices and research block.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 14th August 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 29th October 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki**<br>***Remarks*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, se jinħoloq skart inert, madankollu l-kwantitajiet x'aktarx li jkunu żgħar. Matul l-operat, ħa jiġi ġġenerat l-iskart mill-ipproċessar tal-ħut u li jinkludi fdalijiet tal-ħut u demm. L-iskart kollu ġġenerat se jintrema skont il-parametri tal-Wasteserv, u għandu jkun jew inċinerat (skart bħal dan għandu jinżamm fi kmamar kesħin taħt l-art u ffriżat) jew mormi f'sit ċiviku. Materjal/skart perikoluż m'għandux jinħażen fuq il-post, u se jiġi regolat permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. |
| *Waste generation* | *The project will generate waste during both construction and operation. During the construction phase, inert waste will be generated however quantities are likely to be minimal. During operation, waste from fish processing shall be generated which includes fish remains and blood.* |

| | |
|---|---|
| | *All waste generated will be disposed in accordance with Wasteserv parameters, and shall either be incinerated (such waste shall be kept in underground cold rooms and frozen) or disposed in a civic amenity site. Hazardous material/waste is not to be stored on site and will be regulated through an environmental registration.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet waqt it-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi emissjonijiet ta' NOx mill-inġenji. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, se jinħolqu emissjonijiet ta' NOx mit-traffiku operattiv, iżda minħabba l-iskala tal-proġett, mhux mistenni li l-proposta tiġġenera ammonti sinifikanti ta' traffiku. Jistgħu jkun hemm irwejjaħ waqt l-ipproċessar tal-ħut iżda dawn jistgħu jittaffew biżżejjed permezz ta' disinjar xieraq tal-impjant, ġestjoni xierqa tal-iskart u permess tal-operat. |
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and NOx from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, NOx will be generated by operational traffic but given its scale, the proposal will not generate significant amounts of traffic. Odours may be generated from the fish processing, however these can be sufficiently mitigated through proper plant design, adequate waste management and an operational permit.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Matul l-operat mhux mistenni li l-istorbju u l-vibrazzjonijiet ikunu sinifikanti meta jitqies it-tip ta' proġett. Il-kmamar ta' refriġerazzjoni se jkunu taħt l-art. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operations, noise and vibration are not expected to be significant given the type of project. Refrigeration rooms will be located underground.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | L-iżvilupp propost jinsab biswit il-kappella ta' Santa Luċija, li hija skedata bħala binja tal-Ewwel Grad skond in-Notifika tal-Gvern numru 628 ta' l-2008. Għalhekk, ix-xogħlijiet ta' bini u skavar għandhom ikunu ġestiti bil-galbu sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq il-kappella, u tinħtieġ ukoll konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Barra minn hekk, l-impatt viżiv tal-proġett fuq il-kappella għandu jkun indirizzat bħala parti mill-proċess tal-permess għall-iżvilupp. |
| *Impact on cultural heritage* | *The proposed development is adjacent to the Santa Luċija chapel which is a scheduled Grade 1 building as per Government Notice 628 of 2008. Therefore, construction/excavation works should be carefully managed to avoid negative impacts on the chapel, and consultation with the Superintendence of Cultural Heritage is also required. Furthermore, the visual impact of the project on the chapel needs to be addressed as part of the development permitting process.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi. |
| *Light pollution* | *During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-4 ta' Diċembru, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

4th December, 2012